

31991D0398

L 221/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.8.1991

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Lulju 1991

dwar *network* kompjuterizzat li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet veterinarji (*Animo*)

(91/398/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-verifiki veterinarji u zootekniki applikabbli fil-kummerċ intrakomunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan li jikkompleta ruju s-suq intern ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 91/68/KEE ⁽²⁾, u partikularment l-Artikolu 20(1) tagħha,

Peress illi, minħabba il-kompletar fil-futur qrib tas-suq intern għall-annimali ħajjin u ċerti prodotti u l-abbandun ta' l-ispezzjonijiet veterinarji fil-fruntieri interni, huwa meħtieġ li jiġi mwaqqaf, skond l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 90/425/KEE, *network* kompjuterizzat li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet veterinarji, magħrufa b'mod ġenerali bħala "Animo";

Peress illi l-prinċipji bażiċi li jsejjsu l-istruttura ġenerali tan-*network* kompjuterizzat għandhom l-ewwel jiġu stipulati; peress illi d-dispożizzjonijiet meħtieġa li jimplementawhom għandhom jiġu adottati sussegwentement fid-dawl ta' dawk il-prinċipji skond l-Artikolu 20(3) tad-Direttiva 90/425/KEE;

Peress illi, wara li kkunsidrat l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/425/KEE, l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE tal-10 ta' Diċembru 1990 li jstipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jkunu dieħlin fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽³⁾ u l-obbligazzjonijiet li ser jiġu imposti fuq il-pożizzjonijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera responsabbli sabiex jispezzjonaw l-annimali ħajjin li jaslu minn pajjiżi terzi, in-*network* kompjuterizzat ser ikollu jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali nominati u l-pożizzjonijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera;

Peress illi l-miżuri li hemm ipprovdut dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, "unità" tfisser:

- kull awtorità ċentrali kompetenti ta' Stat Membru,
- kull awtorità lokali ta' Stat Membru nominata bħala tali għall-iskopijiet tan-*network* kompjuterizzat,
- kull pożizzjoni ta' spezzjoni tal-fruntiera kif definit fl-Artikolu 2(2)(g) tad-Direttiva 90/675/KEE,
- kull pożizzjoni ta' spezzjoni tal-fruntiera awtorizzata sabiex twettaq spezzjoni veterinarja ta' annimali minn pajjiżi terzi mda]]la fil-Komunità.

Artikolu 2

1. Kull unità għandha tkun imqabbda ma' *network* veterinarju kompjuterizzat.
2. Kull unità għandha tkun mgħammra bis-segwenti:
 - mikrokompjuter li jaħdem b'sistema tat-tip MS-DOS jew UNIX,
 - mowdem li jagħmilha possibbli li jimmodula u jiddimodula informazzjoni li tkun għaddeja fuq linja tat-telefon jew kull linja oħra b'veloċità għolja,
 - printer,
 - *software* ta' komunikazzjonijiet identiċi u applikazzjonijiet ta' *software* identiċi li jippermettu li kull unità tkun imqabbda man-*network* veterinarju kompjuterizzat.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.⁽²⁾ ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.⁽³⁾ ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.